

Emenda 100
Antonius Manders
 f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
 (COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju, ***kemm fit-tranżazzjonijiet B2B kif ukoll*** fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur.

(11) Il-ħlasijiet tard jikkostitwixxu ksur tal-kuntratt li jkun attraenti finanzjarjament għad-debituri, minħabba r-rati baxxi tal-imgħax, jew l-ebda rata tal-imgħax, fuq il-ħlasijiet tard jew minħabba d-dewmien fil-proċeduri tar-rimedju. Jeħtieġ issir bidla deċiżiva favur kultura ta' ħlas fil-pront, inkluż dik li l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għal ħlasijiet tard tkun nulla u bla effett, ħalli titreġġa' lura din it-tendenza u jiġu skoraġġuti l-ħlasijiet tard, ***filwaqt li titħares il-libertà kuntrattwali***. Għaldaqstant, il-perjodi tal-ħlas kuntrattwali jenħtieġ li jkunu limitati għal 30 jum kalendarju fit-tranżazzjonijiet G2B, meta l-awtorità pubblika tkun id-debitur. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li tingħata flessibilità lill-impriżi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mil-libertà kuntrattwali u jinnegozjaw perjodu itwal ta' ħlas meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' ċerti mudelli ta' negozju u Prattiki tal-industrija li jittrattaw rotazzjoni baxxa u staġjonalità tal-kategoriji ta' prodotti. Tali arranġamenti għandhom ikunu ta' benefiċċju reċiproku għall-kredituri u d-debituri. Il-fatturar elettroniku jista' jkun għodda ta' għajnuna f'dan ir-rigward, u jgħassar il-perjodu ta' ħlas, peress li jgħin lill-kredituri jagħtu prova tad-data li fiha tiġi riċevuta l-fattura f'każ ta' dubju jew tilwima.***

Ġustifikazzjoni

Il-flessibilità rigward il-perjodu ta' ħlas fi tranżazzjonijiet kummerċjali B2B għandha tiġi ppreservata biex tirrifletti r-realtajiet tas-suq u tissodisfa l-ħtiġijiet ta' ċerti setturi. In-nuqqas ta' limitu massimu fuq il-perjodu tal-ħlas, flimkien mal-kundizzjoni ta' ġustizzja u benefiċċji ugwali kemm għad-debitur kif ukoll għall-kreditur, se jħeġġu lill-partijiet kontraenti jagħżlu l-iqsar perjodu ta' ħlas meħtieġ u jevitaw burokrazija u kumplessità żejda għall-kumpaniji.

17.4.2024

A9-0156/101

Emenda 101
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' ċerti mudelli ta' negozju u prattiki tal-industrija li jeħtieġu perjodi ta' ħlas itwal. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-kategoriji ta' prodotti b'rotazzjoni baxxa u staġjonalità qawwija, pereżempju oġġetti kulturali, inklużi s-setturi involuti fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ bl-imnut tal-kotba. Il-bejgħ bl-imnut tal-kotba għandu organizzazzjoni unika fix-xenarju usa' tal-bejgħ bl-imnut, li matul għexieren ta' snin żviluppa mudell ta' negozju bbilanċjat li juża termini ta' ħlas twal u flessibbli ta' benefiċċju reċiproku u mixtieqa, bil-għan ewlieni li jipprovdi offerta diversa ta' kotba li jarrikkixxu l-kultura Ewropea, kif ukoll li jżomm ċiklu ta' rotazzjoni effiċjenti tal-kotba u fluss tajjeb ta' flus għall-ħwienet tal-kotba.

Or. en

17.4.2024

A9-0156/102

Emenda 102
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein
Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

A9-0156/2024

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) L-akkwist pubbliku jista' jaqdi rwol sinifikanti biex titjeb il-prestazzjoni tal-ħlasijiet. Għaldaqstant jenħtieġ' li jiġu stabbiliti sinerġiji aħjar bejn il-politiki u r-regoli tal-akkwist pubbliku u l-oġettivi tal-ħlas fil-pront. B'mod partikolari fix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni pubbliċi, is-sottokuntratturi ħafna drabi ma jitħallsux fil-ħin mill-kuntrattur ewlieni, anki meta l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkunu għaddewlu l-ħlasijiet kuntrattwali, u dan potenzjalment jikkaġuna effett domino dannuż fuq il-katina tal-provvista. Għalhekk jixraq li l-kuntratturi jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti li għamlu l-ħlasijiet lis-sottokuntratturi diretti tagħhom.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament m'għandux jistabbilixxi regoli ġodda għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku li diġà huma rregolati mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE. L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda, bħal obbligu għall-awtoritajiet kontraenti li jivverifikaw il-pagamenti kollha lis-sottokuntratturi, timponi piżijiet bla bżonn mingħajr ma tiggarrantixxi l-eżiti ta' ħlas fil-pront mixtieqa. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità kuntrattwali għadha mhux solvuta.

AM\1301304MT.docx

PE760.676v01-00

17.4.2024

A9-0156/103

Emenda 103
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Fid-dawl tal-ħtieġa li jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, u f'konformità mal-obiettivi tal-promozzjoni ta' ġestjoni finanzjarja responsabbli u prattiki kummerċjali ġusti, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri jistgħu jużaw ir-rapporti dwar il-prattiki ta' ħlas fid-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament ma għandux jistabbilixxi obbligi ġodda ta' rapportar la għall-kumpaniji u lanqas għall-awtoritajiet kontraenti peress li dan jimponi piżijiet bla bżonn mingħajr ma jiggarantixxi l-eżiti mixtieqa ta' ħlas fil-pront. Madankollu, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri jistgħu jużaw ir-rapporti ppreżentati fil-qafas tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà fl-attivitajiet ta' infurzar tagħhom.

17.4.2024

A9-0156/104

Emenda 104
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, diment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi. ***Dan*** il-perjodu ***għandu japplika kemm għat-tranżazzjonijiet*** bejn l-intrapriżi ***u anki bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi.*** ***L-istess perjodu*** tal-ħlas ***għandu japplika wkoll għall-provvista tal-prodotti agrikoli u alimentari li ma jiħassrux b'bażi regolari u mhux regolari kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (i), it-tieni inċiż u fl-Artikolu 3(1)(a), il-punt (ii), it-tieni inċiż tad-Direttiva (UE) 2019/633,*** sakemm ***l-Istat Membru ma jkunx jipprevedi perjodu iqsar tal-ħlas għal dawk il-prodotti.***

1. Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, ***meta d-debitur ikun awtorità pubblika,*** il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju, mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, diment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi ***f'konformità mal-ftehim kuntrattwali.*** ***Meta d-data tal-wasla tal-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas tkun inċerta,*** il-perjodu ***tal-ħlas ma għandux jaqbeż 30 jum kalendarju mid-data meta tal-wasla tal-oġġetti jew l-ġhoti tas-servizzi.***

Fit-tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi, ***il-perjodu*** tal-ħlas ***ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas mingħand id-debitur, diment li d-debitur ikun irċieva l-oġġetti jew is-servizzi,*** sakemm ***ma jkunx miftiehem espressament mod ieħor fil-kuntratt u sakemm ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-flessibilità rigward il-perjodu ta' ħlas fi tranżazzjonijiet kummerċjali B2B għandha tiġi ppreservata biex tirrifletti r-realtajiet tas-suq u tissodisfa l-ħtiġijiet ta' ċerti setturi. In-nuqqas ta' limitu massimu fuq il-perjodu tal-ħlas, flimkien mal-kundizzjoni ta' ġustizzja u benefiċċji ugwali kemm għad-debitur kif ukoll għall-kreditur, se jħeġġu lill-partijiet kontraenti jagħżlu l-iqsar perjodu ta' ħlas meħtieġ u jevitaw burokrazija u kumplessità żejda għall-kumpaniji.

17.4.2024

A9-0156/105

Emenda 105
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tul massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-oġġetti jew tas-servizzi mingħand id-debitur, anki jekk dawk il-oġġetti jew is-servizzi jkunu ngħataw qabel il-ħruġ tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas. F'dan il-każ, id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun **saret** dik il-proċedura.

3. Meta l-kuntratt jipprevedi proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika, f'konformità mal-paragrafu 2, **għall-finijiet ta' dan ir-Regolament**, it-tul massimu ta' dik il-proċedura ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tal-oġġetti jew tas-servizzi mingħand id-debitur, anke jekk dawk il-oġġetti jew is-servizzi jkunu ngħataw qabel il-ħruġ tal-fattura jew ta' talba ekwivalenti għall-ħlas, **sakemm ma jkunx miftiehem espressament mod ieħor fil-kuntratt, fil-limiti li tippermetti l-liġi nazzjonali, u dment li ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur**. F'dan il-każ, id-debitur għandu jibda l-proċedura tal-aċċettazzjoni jew tal-verifika minnufih malli jirċievi l-oġġetti u/jew is-servizzi mingħand il-kreditur li jkunu l-oġġett tat-tranżazzjoni kummerċjali. Il-perjodu tal-ħlas ma għandux jaqbeż it-30 jum kalendarju wara li tkun **ġiet konkluża** dik il-proċedura **jew wara l-wasla tal-fattura, jew talba ekwivalenti għall-ħlas, jekk din tal-aħħar isseħħ aktar tard**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi appoġġat l-oġġettiv ta' dan ir-regolament, id-durata massima prestabbilita għall-proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika jenħtieġ li ma taqbiżx it-30 jum. Minkejja dan, sabiex

AM\1301304MT.docx

PE760.676v01-00

tiġi żgurata konformità sħiħa tal-prodotti jew is-servizzi mal-kuntratt jew mal-liġi, għandha tkun permessa flessibilità kuntrattwali fil-limiti tal-liġi nazzjonali, meta jkun hemm qbil espliċitu fil-kuntratt, u sakemm ma tkunx inġusta għall-aħħar għall-kreditur, speċjalment fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi.

17.4.2024

A9-0156/106

Emenda 106
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein
Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

A9-0156/2024

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4

imħassar

*Ħlasijiet lis-sottokuntratturi fl-akkwist
pubbliku*

1. Għall-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE, 2014/25/UE, u 2009/81/KE⁵⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kuntratturi għandhom jipprovdu evidenza lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi li, meta applikabbli, dawn ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi diretti tagħhom involuti fit-twettiq tal-kuntratt sal-iskadenzi u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-evidenza tista' tiegħu l-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub mill-kuntrattur u għandha tingħata mill-kuntrattur lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti qabel, jew l-aktar tard flimkien ma', kwalunkwe talba għall-ħlas.

2. Meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma tkunx irċeviet l-evidenza kif previst fil-paragrafu 1 jew ikollha informazzjoni dwar ħlasijiet tard mill-kuntrattur ewlieni lis-sottokuntratturi diretti tiegħu, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinnotifika lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru

AM\1301304MT.docx

PE760.676v01-00

tagħha dwar dan mingħajr dewmien.

⁵⁶ Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-regolament m'għandux jistabbilixxi regoli ġodda għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku li diġà huma rregolati mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku 2014/23/UE, 2014/24/UE, jew 2014/25/UE. L-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda, bħal obbligu għall-awtoritajiet kontraenti li jivverifikaw il-pagamenti kollha lis-sottokuntratturi, timponi piżijiet bla bżonn mingħajr ma tiggarantixxi l-eżiti ta' ħlas fil-pront mixtieqa. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità kuntrattwali għadha mhux solvuta.

17.4.2024

A9-0156/107

Emenda 107
Antonius Manders
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Róża Thun und Hohenstein

A9-0156/2024

Il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali
(COM(2023)0533 – C9-0338/2023 – 2023/0323(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. It-tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, **anki meta l-kuntratt** ikkonċernat **ikun** ġie konkluż qabel dik id-data.

3. It-tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, **sakemm il-kuntratt** ikkonċernat **ma jkunx** ġie konkluż qabel dik id-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-kumplessità tal-ktajjen tal-provvista u t-termini ta' ħlas li diġà ġew miftiehma fil-kuntratti attwali, ir-Regolament dwar il-Ħlas Tard jenħtieġ li jippermetti biżżejjed żmien ta' tranżizzjoni u jenħtieġ li japplika għal kuntratti ġodda. Dan joħloq piż amministrattiv sinifikanti għan-negozji jekk jiġi applikat b'mod retroattiv għall-kuntratti eżistenti mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.